# QORTI TA' L-APPELL

## (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 7 ta' Mejju, 2002.**

**Numru**

**Avviz numru 90/99 SM**

**Lawrence Muscat**

**vs**

**Gozo Channel Company Limited**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI : L-AVVIZ PROMOTORJU**

1. B'avviz prezentat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit- 22 ta' Jannar 1999 l-attur sejjah lis-socjeta' konvenuta quddiem il-Qorti tal-Magistrati sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata thallas is-somma ta' erba' mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm424.62,0) rapprezentanti paga ghall-granet ta' xoghol zejda u allowances ohra dovuti minnha lill-attur u dana in forza tal-

kuntratt ta' impjieg tal-21 ta' Frar 1996 ; it-talba saret bl-ispejjez inkluzi dawn tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Ottubru 1998 u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, li hija ngunta ghas-subizzjoni.

**L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA' KONVENUTA**

2. Is-socjeta' konvenuta eccepiet li t-talbiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt billi ma kien hemm ebda ammont dovut lill-attur kif jirrizulta mir-"records" tal-kumpanija rigward attendenza, overtime u allowances ohra.

3. Is-socjeta' konvenuta eccepiet ulterjorment illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

4. B'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Gunju 2001 il-Qorti filwaqt li rrispengiet l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' erba mija u erba u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm424.62).

**L-APPELL TAS-SOCJETA' KONVENUTA**

5. Is-socjeta' konvenuta hasset ruhha aggravata b'din is-sentenza u minnha qed tinterponi dan l-appell fuq l-aggravju illi l-ewwel Qorti messha laqghet l-eccezzjoni ulterjuri.

L-eccezzjoni ulterjuri kienet semplicement illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili. Din l-eccezzjoni giet deciza mill-ewwel Onorabbli Qorti hekk :

*Illi rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta ghandu jinghad li din l-eccezzjoni hi wahda li trid tigi sollevata ad limine u stante li dan ma sarx m'hiex qed tiehu konjizzjoni taghha.*

Dan huwa manifestament inkorrett billi l-eccezzjoni in kwistjoni tista' sahansitra titqajjem anki fl-istadju ta' appell – artikolu 732 tal-Kap 12.

Illi ghalhekk waqt li l-esponent jaghmel riferenza ghall-provi migjuba u jirriserva li jgib kull prova ohra permessa mil-ligi jitlob bir-rispett illi din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u tichad it-talbiet kollha attrici bl-ispejejz taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

**IR-RISPOSTA TA' APPELL TA' L-APPELLAT LAWRENCE MUSCAT**

6. L-appellat wiegeb hekk :

Illi fit-3 ta' Lulju 2001, is-socjeta' appellanta intavolat appell quddiem din l-Onorabbli Qorti minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Gunju, 2001.

Illi s-socjeta' appellanta hassitha aggravata mis-sentenza imsemmija fis-suespost u dana ghaliex l-ewwel Qorti ma laqghetx l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' appellanta.

Illi mill-provi prodotti mill-appellat in sostenn tat-talbiet tieghu, huwa gab prova li effettivament il-preskrizzjoni kienet giet interrotta skond il-Ligi.

Illi mix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta' appellanta gie ammess li s-somma li kien talab l-appellat *a tempo vergine* kienet giet akkolta mill-istess socjeta'.

Illi t-talbiet tas-socjeta' appellanta huma wkoll infondati fid-dritt, u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tar-rikors odjern.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob sabiex dina l-Qorti tichad l-appell odjern, bl-ispejjez taz-zewg istanzi, kontra s-socjeta' appellanta.

**<u>IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI</u>**

7. L-aggravju ewlieni tas-socjeta' konvenuta huwa cirkoskritt ghal dik il-parti tad-decide fejn l-ewwel Qorti rrespingiet formalment l-eccezzjoni ulterjuri ai termini ta' l-artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili (Kap 16) kif sollevata minnha.

8. Jirrizulta li qabel ma dahlet biex tiddelibera u tiddeciedi l-meritu tal-vertenza, l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni ulterjuri surreferita wara li rriteniet hekk dwarha,

> "….. ghandu jinghad li din l-eccezzjoni hi wahda li trid tigi sollevata ad limine u stante li dan ma sarx m'hiex qed tiehu konjizzjoni taghha."

9. Is-socjeta' appellanti tissottometti li tali motivazzjoni hija legalment zbaljata u ticcita b'ezempju l-artikolu 732 tal-Kap 12.

Min-naha l-ohra, l-appellat sostna fit-twegiba tieghu ghall-appell li "huwa gab prova li effettivament il-preskrizzjoni kienet giet interrotta skond il-ligi."

10. Din il-Qorti tibda billi tirreferi ghat-twegiba tal-appellat dwar l-aggravju ta' l-appellant u tirrileva li din il-parti tat-twegiba bl-ebda mod ma tindirizza dak li minnu qieghed jillanja l-appellant, anzi jekk xejn din it-twegiba timplika illi l-preskrizzjoni eccepita kellha tigi debitament

ikkonsidrata, indipendentement mill-fatt jekk din gietx interrotta jew le – li hija kwistjoni ta’ provi.

11. Illi dwar is-sentenza appellata, din il-Qorti tibda billi tosserva preliminarjament li d-dicitura adoperata mill-ewwel Qorti, jigifieri li “m’hiex qed tiehu konjizzjoni taghha” hija asserzjoni alkwantu infelici u skorretta ghaliex fil-fatt meta dik il-Qorti ghazlet li tinjoraha dan ghamlitu palezament ghax dehrilha li ma setghetx titqajjem fi stadju ulterjuri tal-kawza. Li jfisser li effettivament dak li ghamlet il-Qorti kien li <u>ddecidiet</u>, u mhux astjeniet, li din l-eccezzjoni ulterjuri kienet proceduralment irrita u kienet ser tinjoraha.

12. Illi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ghandu invece jinghad li bhala eccezzjoni perentorja, din tista’ tinghata f’kull stadju anki fil-Qorti ta’ l-Appell ghalkemm ma tkunx giet mehtiega fil-Qorti ta’ l-ewwel grad. L-unika eccezzjoni ta’ din ix-xorta li hija regolata differentement hija l-eccezzjoni ta’ dezerzjoni ta’ kawza u dan billi jekk din ma tinghatax qabel kull eccezzjoni perentorja ohra, allura titqies li giet rinunzjata. Mill-bqija, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista’ tinghata f’kull stadju kif fuq inghad u dak li gie konsegwentement ritenut mill-ewwel Qorti huwa legalment zbaljat. Mhux eskluz li fid-deliberazzjoni taghha l-ewwel Qorti hadet kont tal-artikolu 728 tal-Kap 12 kif emendat bl-Att XXIV tal-1995, pero’ fis-sentenza ma hemm xejn specifikat u lanqas ma jirrizulta li giet registrata xi opposizzjoni mill-kontroparti appellata. Illi, ghalhekk,

l-ewwel Qorti ma setghetx taqbad u tiddeciedi li tinjora l-eccezzjoni fuq ir-raguni msemmija minnha. Il-kontroparti mhux biss m'opponietx imma s'issa ghada ssostni li kien hemm interruzzjoni. L-appellant ma qabadx u pprezenta l-eccezzjoni ulterjuri tieghu ad insaputa tal-kontroparti imma rregistra espressament 'seduta stante' dina l-eccezzjoni kif jirrizulta mill-verbal datat it-28 ta' Frar 2001 (fol 35-36 tal-process). Anzi jirrizulta ukoll li dan sar wara li giet esebita ittra ufficjali dakinhar stess mix-xhud Joseph Angilleri. L-eccezzjoni ulterjuri ma gietx sfilzata. Dan ifisser li f'dan il-kuntest biss l-aggravju ta' l-appellant huwa fondat fid-dritt u jimmerita li jintlaqa'. Fejn mhux korrett l-appellant hu f'dik il-parti tat-talba tieghu fejn talab ukoll li t-talbiet kollha attrici jigu michuda. Tali talba hija ghalissa prematura ghaliex, anke minhabba l-aspett tad-"doppio esame" jidher li jkun opportun li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tigi qabel xejn investita u deciza mill-ewwel Qorti fejn giet originarjament sollevata. Illi dan ifisser ghalhekk li mhux biss li ghad trid tigi deciza l-eccezzjoni ulterjuri imma wkoll li l-meritu tal-vertenza jibqa' impregudikat biex skond l-ezitu ta' l-eccezzjoni ulterjuri, l-ewwel Qorti timxi konformement.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-appell tas-socjeta' konvenuta dwar il-preskrizzjoni, tirrevoka s-sentenza appellata kif moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet premessi, b'dana li tordna li l-atti jigu rinvjati lil dik il-Qorti sabiex wara li tiehu konjizzjoni tal-kawza,

kompriza l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni li giet sollevata mis-socjeta' konvenuta, tghaddi biex tiddecidiha skond il-ligi. L-ispejjez taz-zewg istanzi, fic-cirkostanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dep/Reg

mg